# Ħal Tarxien isellem bil-mużika lil-Lunzjata

**Cleavon Vella**
Assistent Segretarju, Għaqda Mużikali Marija Annunzjata

Mal-medda tas-snin diversi kompożituri kkomponew mużika Marjana li mhux biss tpaxxi 'l-widna, iżda tagħti ġieħ lill-Verġni Marija. Min qatt ma sema' l-*Ave Maria* ta' Schubert, dik ta' Bach u Gounod, jew l-*Ave Maria* ta' Vladimir Vavilov attribwita lil Caccini? Dawn fost bosta bċejjeċ mużikali Marjani oħra.

Il-festi reliġjużi tradizzjonali ħeġġew kompożituri Maltin jikkomponu mużika Marjana ġdida b'ħafna innijiet imsejsa fuq versi apposta. F'Ħal Tarxien għandna fost l-isbaħ mużika Marjana. Fost dawn l-***Innu Popolari lil Marija Annunzjata*** b'versi ta' Dun Karm Psaila u mużika ta' Giuseppe Casapinta[1] u l-antifona ***Gabriel Angelus***, kompożizzjoni ta' Lorenzo Gonzi.

Bosta għaqdiet tal-festa tal-Lunzjata wkoll għandhom diversi innijiet. Ewlenija fosthom l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata, il-Banda ta' Ħal Tarxien, li fl-arkivju mużikali tagħha tgħożż wieħed mill-isbaħ *Inni di Gloria*. Magħruf bħala 'l-Innu l-Kbir'. Dan l-innu jġib l-isem ***A Maria SS. Annunziata***. Ikkomponieh Lorenzo Gonzi fl-1910 bil-versi tiegħu bit-Taljan ta' ħu s-Surmast Dun Michele Gonzi, aktar tard Isqof ta' Għawdex u Arċisqof ta' Malta. Wara l-Gwerra kien tradott għall-Malti minn Dun Frans Camilleri.

Din is-sena l-Banda ta' Ħal Tarxien ser tistgħana b'innu ġdid, ukoll imsejjes fuq versi Veskovili. Tislima Marjana kompożizzjoni tas-Surmast Direttur Mro Hermann Farrugia Frantz, a bażi tat-melodija tradizzjonali popolari tal-*Ave Maria* mill-Pirinej. Il-versi tat-tislima bl-isem ***Fil-Milja tas-Sekli***, appuntu l-ewwel vers tal-innu, ħarġu mill-pinna tal-E.T. Mons. Charles J. Scicluna, Isqof Awżiljarju u Vigarju Ġenerali ta' Malta u Isqof Titulari ta' San Leone.

Dawn il-versi mhumiex l-ewwel ta' Mons. Scicluna. Kull sena l-Isqof Scicluna jikteb poeżija ġdida fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta' pajjiżu, tas-Salvatur f'Ħal Lija. Fl-2011 kiteb versi ġodda għall-*Innu lill-Qalb ta' Ġesù* (*Tina l-Ħlewwa*) ta' Dun Karm Psaila u Mro Giuseppe Caruana, għall-Festa ta' Ħal Lija.

***Fil-Milja tas-Sekli*** ser tiġi esegwita għall-ewwel darba fil-Programm Mużikali tal-Festa li l-Banda Marija Annunzjata ser tippreżenta fuq il-planċier l-Erbgħa 28 ta' Mejju. Matul il-programm l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata ser iżżanżan innu ieħor ġdid Marjan bl-isem ***Fjammet Qalbna*** b'versi ta' Cleavon Vella għall-kompożizzjoni mużikali tal-Assistent Surmast tal-Banda Marija Annunzjata, Darren Dimech.

De Paule Jewellery
*White & Yellow Gold*
*Silver Jewellery - Silver Ornaments*
*Festina - Lotus - Casio Watches*
*Any Gold and Silver Repairs*
**45, Antoine de Paule Square, Paola** *(In front of Health Centre)*
Tel: **2166 4372** Email: **curmiric@melita.com**

# Fil-Milja tas-Sekli

**Isqof Mons. Charles J. Scicluna, versi — Hermann Farrugia Frantz, mużika**

Fil-milja tas-sekli,
mis-sema kaħlija,
tar Anġlu bi bxara,
lit-tfajla Marija.

Bil-kelma fejjieda,
li tkeċċi kull ħtija,
hu sellem lit-tfajla,
bil-grazzja mimlija.

Is-Sliem ta' Mulejja,
ikun dejjem miegħek,
tibżax o Sultana,
tagħtih il-qalb tiegħek.

Fik ħejja għamara,
bla ħtija, bajdana,
u riedek tkun Ommu,
biex lilna jsalvana.

Lil kbir Gabrijeli,
tistaqsi bil-ħlewwa,
bla raġel ma tagħraf,
kif omm tkun fis-sewwa.

U l-Anġlu jweġibha,
li r-Ruħ t'Alla magħha,
b'hekk fiha jitnissel,
Ġesù l-Iben tagħha.

Ix-Xebba titkellem,
b'ton umli mimlija,
hawn jien il-qaddejja,
il-Kelma sseħħ fija.

Marija Lunzjata,
għallimna nħobbuH,
lil Ibnek li tnissel,
għallimna naqduH.

# Fjammet Qalbna

**Cleavon Vella, versi u Darren Dimech, mużika**

Bħax-xemx tiżreġ kull filgħodu,
mix-xefaq turi l-imkien,
saħħart sema w art, u lilna lkoll,
sbuħitek tisboq lill-ħolqien.

Rit.: *O Lunzjata, din il-fjamma,*
*f'qalbna tnemnem ilha s-snin,*
*kif kebbsuha missirijietna,*
*għalik dil-fjamma qatt ma tnin.*

Alla minnek ried jitwieled,
ta' min ħalqek issir l-omm,
lilek għażel biex 'l Ibnu tgħajjex,
għajjex lilna, b'uliedek żomm.

Rit.: *O Lunzjata, din il-fjamma...*

X'kobor, x'qawwa, xi ġmiel ismek,
jixgħel bil-lejl, jgħammex bi nhar,
kontra l-għawġ u d-dnub, saram u dlam,
għalina sejf, tarka u swar.

Rit.: *O Lunzjata, din il-fjamma...*

Il-ġmiel wiċċek kewkba tiddi,
ħbub għajnejk jilmħu x-xemx,
setgħatek timraħ fuq kull oċean,
il-ħolqien jaf li bħalek m'hemmx.

Rit.: *O Lunzjata, din il-fjamma,*
*f'qalbna tnemnem ilha s-snin,*
*kif kebbsuha missirijietna,*
*għalik dil-fjamma qatt ma tnin,* ***ġo Ħal Tarxien.***

**Referenza**

[1] Fis-sena 2011, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju mill-mewt ta' Dun Karm, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ikkummissjona lill-Prof. Joseph Vella biex jikkomponi mużika ġdida għal dawn l-istess versi ta' Dun Karm. Kienet vera kumbinazzjoni u issa l-Parroċċa tagħna għandha biex tkun kburija li għandha żewġ kompożizzjonijiet brillanti tal-istess Innu Popolari tal-Patruna.